Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAL-ERBATAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 12 ta' Frar 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sindku Is-Sur Stefan Cordina talab sospensjoni tal-laqgha sabiex jitkellmu xi nies prezenti rigwardanti item No 2 fuq l-Agenda. Filfatt prezenti waqt il-laqgha tal-Kunsill kienu il-Perit Cassar minn Cassar Grech & Ebejer, il-Perit Micallef li kien qed jirraprezenta lis-Sur George Douglas Barbaro Sant ghan-nom ta' Alberta li qed tipproponi dan il-progett tas-Solar Farm flok il-barriera prezenti f'Wied Incita. Prezenti wkoll ghal laqgha kien hemm is-Sur Mark Aquilina, sid il-barriera ta' Venven. Il-Perit Cassar spjega kif prezentement il-barriera ta' Venven tikkonsisti f'open storage, plant storage u l-bini tal-amministrazzjoni. Hu kompla billi qal li kif inhi il-barriera bhalissa hi unslightly b'hafna problema ta' trabijiet u hsejjes. Qal li bhalma gara bil-kumpanija Blokrete, waslu ghall-konkluzjoni flimkien mal-MEPA sabiex jigi illaunchjat dan il-progett pilota sabiex jigi attwat fi zmien disa' xhur, li hu zmien relattivament qasir komparat mal-operat tal-istess barriera li fadallu iktar minn tmenin sena. Is-Sur Cassar qal li dan hu investiment kbir fejn madwar tlett elef jew iktar residenzi ser jibbenifikaw minn frankar ta' dawl li ha jigi iggenerat ghall-ammont ta' bejn 12-15 MW. Is-Sur Spiteri staqsa barra dan il-beneficcju, x'iktar ser jiggwadanjaw in-nies. Is-Sur Cassar irrisponda billi qal li hu ihares lejn l-aspett ambjentali u li jekk il-Kunsill jaghti il-go ahead tieghu, fi zmien gimgha tkun tista' tinxtehet l-applikazzjoni. Is-Sur Spiteri staqsa wkoll il-pannelli lejn liema direzzjoni ser ikunu qeghdin iharsu minhabba ir-riflessi tax-xemx. Is-Sur Cassar qal li dawn jigu nstallati skond it-tlugh u l-inzul tax-xemx imma wisq probabbli ser iharsu lejn in-naha ta' Haz-Zebbug. Fuq dan l-aspett, il-MEPA titlob li l-applikant jissottometti landscaping plan. Is-Sur Cassar kompla billi qal li kull pass li jsir jista' jigi kkuppjat il-Kunsill sabiex dan ikun infurmat fuq l-andament tal-applikazzjoni. Is-Sur Remigio Bartolo staqsa kemm ghandu zmien il-Kunsill sabiex jiddeciedi. Is-Sur Cassar qal li jekk jista' jkun fi zmien gimghatejn irid ikun hemm decizjoni. Is-Sur Cordina qal li fil kaz ikun irid isir meeting mar-residenti fejn ghalih jigu mistiedna membri/deputati mit-tlett nahat tal-partiti politici qabel ma tinghata risposta. Is-Sur Philip Borg staqsa kemm ha jghaddu xhur sabiex eventwalment tigi riabilitata il-barriera u kemm trakkijiet ha jghaddu minn Triq Tumas Chetcuti sakemm isiru x-xogholijiet mehtiega. Is-Sur Mark Aquilina intervjena u qal li bhalissa qed jahdmu kemm hemm radam li jrid jigi mwitti u kemm ha jkun hemm bzonn trakkijiet sabiex isir ix-xoghol mehtieg. Is-Sur Aquilina qal li erba' snin ilu meta hareg bi proposti ohrajn ghar-riabilitazzjoni tal-barriera, sab certu ntoppi imma jekk din id-darba, il-MEPA ikollha l-endorsement tal-Kunsill, l-affarijiet jimxu ahjar. Is-Sinjuri prezenti ghalhekk ikkonkludew li x'hin il-Kunsill, jasal ghad-decizjoni, jinfurmahom u jekk issir xi laqgha, jiehdu pjacir li jkunu prezenti, fil waqt li hallew il-kamra.

B’dan il-progett gie nfurmat ukoll l-avukat tal-Kunsill, Dr Edward Zammit Lewis, fejn qal li jekk dan il-progett jigi mwettaq, hu jissuggerixxi li jitwaqqfu il-proceduri bil-qorti. Is-Sur Ralph Cassar qal li jekk isir hekk, l-ahjar hu li l-Kunsill ikollu xi forma ta’ kitba minn naha tal-avukat (tip ta’ skrittura privata). Is-Sur Spiteri qal li fil-principju jahseb li kulhadd jaqbel imma il-Kunsill irid jara x’kundizzjonijiet ha jigu imposti mill-MEPA. Filfatt li s-Sur Cassar kompla mieghu u qal li ahjar ma tinghatax carte blanche imma jaqbel fil-principju filwaqt li fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill jista’ jitlob certu kundizzjonijiet bhal per ezempju meta ha jibda il-progett u meta ha jigi finalizzat. Is-Sur Bartolo qal li jaqbel imma tajjeb li ssir laqgha mar-residenti biex jekk dawn ma jaqblux mal-elettriku kollu li ha jkun qed jigi ggenerat, ikunu jistghu iressqu is-suggerimenti taghhom. Qal ukoll li l-ahjar ikun hemm time frames u li biex jfehmhom fuq dan, l-ahjar jingab espert. Is-Sur Bartolo qal li jekk il-Kunsill ma jistax igib espert, dejjem, kompla s-Sur Bartolo nistghu nirrikorru ghal Malta Resources Authority. Is-Sur Spiteri qal li allura, fil-principju qisu kulhadd qed jaqbel. Is-Sur Bonnici qal li peress li dan huwa progett lis-sidien jixtiequ li jirnexxi, kollox jidher sabih u r-residenti ghandhom ikunu ppreparati. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill kien dejjem a favur tal-interessi tar-residenti l-ewwel filwaqt lis-Sur Azzopardi qal li ghalih l-art in kwestjoni ghandha tigi riabilitata fi stat naturali jew agrikolu u li ma jaqbilx mal-pannelli solari. Is-Sur Spiteri ippropona li tinkiteb ittra lir-residenti li s-sidien tal-barriera ta’ Wied Incied qed jipproponu li jdawwru l-barriera prezenti mill-muntanja ta’ trab ghall energy generation project permezz ta’ installazzjoni ta’ pannelli solari. Is-Sur Zammit tenna li ghandu jingab espert biex jaghti parir lil Kunsill. Is-Sur Cordina qabel li jsir endorsement u tintbaghat ittra lir-residenti li ghaliha ikun mistieden ukoll l-avukat tal-Kunsill flimkien mas-sidien tal-barriera. Fil-principju dan il-progett kien hemm qbil fuqu mill-membri kollha bl-eccezzjoni tas-Sur Raymond Azzopardi.

**1. APPROVAZZJONI TA’ MINUTI.**

Approvati

**2. BARRIERA WIED INCITA UPDATE**

Dan l-item gie diskuss

.

**3. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Talab li ssir tindifa ta’ Wied Rmiedi u issir bozza gdida fl-istess triq

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

1. Nibzghu ghall-kampanja kollha f’H’Attard

- Oggezzjona kompletament li jinbena cimiterju u krematorju f’H’Attard
- Ippropona li l-art imsemmija (fl-ODZ area bejn ir-Rabat u H’Attard) tfittex tkun imnaddfa minnufih kif inhu xieraq, sabiex terga tigi ghan-natural taghha jew art agrikola
- Ippropona li l-MEPA tkun infurmata minnufih sabiex l-isfregju ambjentali ma jibqax jiggrava u tiehu hsieb li l-hamrija tkun protetta skond il-ligi
- Ippropona biex minnufih ninfurmaw ha nigbdu l-attenzjoni tal-MEPA biex fejn fadal il-kampanja tkun imharsa u ma tibqax titnaqqar b’xi kostruzzjoni gdida
- Ippropona li jkunu aggornati u nfurmati sewwa x’qieghed isir f’dan ir-rigward.

2. Nibzghu ghall-anzjani kollha f’H’Attard

- Ippropponai li f’H’Attard jinghata l-istess opportunita ugwali, l-istess servizzi tas-sahha, bl-istess mod lill-anzjani kollha
- Il-podologist ghandu jipproduci l-ircevuti iffirmati minnu

- Ippropona li ninfurmaw lit-taqsimiet kkoncernati tal-istat biex jekk jistghu, jghinuna nipprovdu s-servizzi tas-sahha lill-anzjani kollha li ma jifilhux f'H'Attard
  Ez: Vizti ta' podologist, tingabrilhom il-medicina mill-care workers u titwasslilhom f'darhom, u bzonnijiet essenzjali ohra
- Inheggu lill-anzjani halli jibqghu jghixu fil-komunita' taghna u jghixu fil-kumdita ta' darhom bla biza u mhux ikollhom jintbaghtu f'xi dar tal-anzjani
  Ez: 'Neighbourhood Watch' u naraw kif nistghu niffacilitaw is-sistemi ta' servizzi billi jkunu accessibbli ghall-anzjani li ma jifilhux
- Ippropona li nkunu aggornati u nfurmati sewwa x'qieghed isir f'dan ir-rigward

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Ippropona li jsir Gieh H'Attard u li jsir fil-gurnata tal-Gimgha taht il-patrocinju tal-Eccellenza tieghu, il-President ta' Malta. Qal li dan jista' jsir fl-iskola Primarja Tumas Dingli. In-Nominat ikun it-Tenur Joseph Calleja u li l-Kunsill irid jiddeciedi liema data, jekk hux fix-xahar ta' Gunju jew Lulju, sabiex dawn jinghataw lill-istess Tenur. Is-Sur Bartolo kompla billi qal li jista' jsir diskors fuq l-istorja mill-Professur Henry Frendo filwaqt li s-Sur Spiteri qal li jista' jsir xi kuncert zghir minn Claire Baluci. Dan l-item ghandu jitpogga fuq l-Agenda tal-Kunsill li jmiss

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab li jsiru d-dwal maz-Zebra Crossing ta' Triq Birkirkara. Is-Sur Cordina qal li biex isir dan, irid isir meter.
- Rega' tenna fuq il-holliday ta' hdejn il-bring-in site fi Gnien il-Palma. Is-Sur Ralph Cassar qal li hemm xi konkos u jista' jkun li f'dawn il-partijiet ser tibqa' nieqsa.
- Talab li tinkines Triq San Anton hdejn il-Kitchen Garden. Is-Sur Cordina qal li jekk din tinkines darba fi hmistax, bilfors li hekk issir bl-ammont ta' sigar li hemm fit-triq.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Talab biex jinzabar il-palm ta' hdejn l-HSBC
- Staqsa jekk il-progett tac-cimiterju fil-limiti ta' H'Attard giex approvat u inghata il-Go Ahead us-Segretarju irrispondiet li ghalissa minn naha tal-Kunsill ma kien hemm l-ebda committment

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Gie mitlub mis-Sinjorina Sandra Grech sabiex tigi rrangata il-parti ta' fuq gewwa ta' Triq Lorenzo Manche, fejn toqghod hi. Is-Sur Stefan Cordina qal li ha jitlob lill-Perit Noel Gauci jekk jistax jintefa' xi zrar temporanjament.

**4. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-8.00pm għat-18 ta' Frar 2013

________________________ Sindku

____________________ Data